MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-28 ta' April, 2005

Numru 688/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JEFFREY CILIA**
**SPETTUR DANIEL ZAMMIT**

**VS**

**SILVIO CAMILLERI**
**MARLON PARNIS**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Silvio Camilleri ta’ 20 sena, iben Carmelo u Gemma nee’ Camilleri, imwieled tal-Pieta’ nhar l-10 ta’ Marzu, 1984, u joqghod fil-fond numru 17, Triq il-Flotta, Gzira, detentur tal-karta tal-identita’ numru 163884 (M) ;

U Marlon Parnis ta’ 27 sena, bin Emmanuel u Ines nee’ Schembri, imwieled Tal-Pieta, nhar l-24 ta’ Settembru,

1976, u joqghod fil-fond numru 11, Flat 3, Triq San Tumas, Rabat, detentur tal-karta tal-identita' numru 12277 (M);

U takkuzahom talli nhar id-19 t'Awissu, 2004, u matul il-gimghat ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnhom, fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda u cioe:

Talli nhar it-2 t'Awissu, 2004, f'xi hin wara nofsinhar, f'San Giljan, ikkommettew serq ta' diversi oggetti minn *Drayton Court,* Flat 1, Triq Elia Zammit, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u valur li ma jaccedix l-elf lira Maltin (Lm1,000.00) u li sar ghad-dannu ta' Refael Pablo Simal ta' nazzjonalita' Spanjola u Manfred Seeger ta' nazzjonalita' Germaniza;

U aktar talli nhar it-2 t'Awissu, f'xi hin wara nofsinhar, f'San Giljan, ikkommettew serq ta' diversi oggetti minn *Dean Court,* Flat 8, Triq Ross, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, u li sar ghad-detriment ta' Harm Luurstema ta' nazzjonalita' Olandiza;

U aktar talli nhar it-2 t'Awissu, 2004, f'xi hin wara nofsinhar, f'San Giljan, ikkommettew serq ta' diversi oggetti minn *Dean Court,* Flat 10, Triq Ross, liema serq huwa kkwalifkat bil-mezz u li sar ghad-dannu ta' Johannes Van Der Klock ta' nazzjonalita' Olandiza;

U aktar talli nhar it-2 t'Awissu, 2004, f'xi hin wara nofsinhar, f'San Giljan, ikkommettew serq ta' diversi oggetti minn *Dean Hamlet Court, Oak Flats,* Flat 10, Trejqet San Gorg, liema serq huwa kkwalifkat bil-mezz u bil-valur li ma jaccedix l-elf lira Maltin (Lm1,000.00) u li sar ghad-detriment ta' Martin Paul Hoppenbrouwer, Johannes Herman Damink u Gerko Hilbert Johannes Eppink, kollha ta' nazzjonalita' Olandiza;

U aktar talli nhar id-9 t'Awissu, 2004 u matul il-gimghat ta' qabel, f'Malta, laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk

dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahhlu biex ibieghhuhom jew imexxuhom;

U aktar talli rrendew ruhhom recidivi *ai termini* tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, diversiment preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Silvio Camilleri wahdu huwa wkoll akkuzat talli nhar it-13 t'Awissu, 2004, f'xi hin matul il-gurnata, f'San Giljan, ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn *Drayton Court,* Flat 2, fi Triq Elia Zammit, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u valur li ma jaccedix l-elf lira Maltin (Lm1,000.00) u li sar ghad-detriment ta' Elisa Immaculada Belmonte Gullen ta' nazzjonalita' Spanjola, Laure Fiona Marie Chanier ta' nazzjonalita' Franciza u Aida Fazelian ta' nazzjonalita' Svediza;

U aktar talli nhar it-13 t'Awissu, 2004, f'xi hin matul il-gurnata, f'San Giljan, ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn *Drayton Court,* Flat 3, fi Triq Elia Zammit, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u valur li ma jaccedix l-elf lira Maltin (Lm1,000.00) u li sar ghad-detriment ta' Rosetta Lubrano ta' nazzjonalita' Taljana, Maria Aurora Tuulia Kapari ta' nazzjonalita' Fillandiza u Qingzli Zhang ta' nazzjonalita' Ciniza;

U aktar talli nhar is-26 t'Awissu, 2004, f'xi hin matul il-lejl, f'San Giljan, ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn *Dean Court,* Geranium, Flat 10, fi Triq Ross, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur li ma jaccedix l-elf lira Maltin (Lm1,000.00) u li sar ghad-detriment ta' Maria Yolanda Conception Santamaria Calvo ta' nazzjonalita' Spanjola;

U aktar talli f'xi hin bejn it-3 u l-4 t'Awissu, 2004, f'San Giljan, ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn *Dean Court,* Geranium, Flat 3, fi Triq Ross, liema serq huwa kkwalifkat bil-mezz, hin u valur li ma jaccedix l-elf lira

Maltin (Lm1,000.00) u li sar ghad-dannu ta’ Derek Cillford Cole ta’ nazzjonalita’ Ingliza;

U aktar talli f’xi hin bejn it-3 u l-4 t’Awissu, 2004, f’San Giljan, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti minn *Dean Court,* Geranium, Flat 4, fi Triq Ross, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur li ma jaccedix l-elf lira Maltin (Lm1,000.00) u li sar ghad-detriment ta’ Marleen Nagel u Johanna Ilja ta’ nazzjonalita’ Germaniza;

U aktar talli f’xi hin bejn it-3 u l-4 t’Awissu, 2004, f’San Giljan, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti minn *Dean Court,* Geranium, Flat 6, fi Triq Ross, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur li ma jaccedix l-elf lira Maltin (Lm1,000.00) u li sar ghad-detriment ta’ Jean Prisilla Jones u John Paul Jones ta’ nazzjonalita’ Ingliza;

U aktar talli nhar id-9 t’Awissu, 2004, f’xi hin wara nofsinhar, f’San Giljan, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti minn *Dean Court,* Geranium, Flat 10, fi Triq Ross, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u valur li ma jaccedix l-elf lira Maltin (Lm1,000.00) u li sar ghad-detriment ta’ Johannes Van Der Klock ta’ nazzjonalita’ Olandiza;

U aktar talli nhar is-26 ta’ Lulju, 2004, f’xi hin matul il-gurnata, f’San Giljan, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti minn *Dean Hamlet Court,* Pine Flats, Flat 12, fi Triq Ross, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u valur li ma jaccedix l-elf lira Maltin (Lm1,000.00) u li sar ghad-detriment ta’ Bjorn Alex Hermann ta’ nazzjonalita’ Norvegiza;

U aktar talli nhar is-26 ta’ Lulju, 2004, f’xi hin matul il-gurnata, f’San Giljan, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti minn *Dean Hamlet Court,* Oak Flats, Flat 11, fi Triq Ross, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u valur li ma jaccedix l-elf lira Maltin (Lm1,000.00) u li sar ghad-dannu ta’ Maurizio Mariano ta’ nazzjonalita’ Taljana;

U aktar talli nhar is-26 ta’ Lulju, 2004, f’xi hin matul il-gurnata, f’San Giljan, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti minn *Dean Hamlet Court,* Oak Flats, Flat 12, fi Triq Ross, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u valur li ma jaccedix

l-elf lira Maltin (Lm1,000.00) u li sar ghad-detriment ta' Carmela Vardaro u Nicola Palmieri ta' nazzjonalita' Taljana;

U aktar talli nhar it-30 ta' Lulju, 2004, f'xi hin matul il-gurnata, f'San Giljan, ikkometta serq ta' diversi oggetti minn *Dean Hamlet Court,* Flat 1A, fi Triq Ross, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u valur li ma jaccedix l-elf lira Maltin (Lm1,000.00)  u li sar ghad-detriment ta' Dean Cornelis Snellaars, Andreas Van Esch u Tom Aleida Van Esch ta' nazzjonalita' Olandiza;

U aktar talli nhar it-3 t'Awissu, 2004, f'xi hin matul il-gurnata, f'San Giljan, ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn *Dean Hamlet Court,* Ivy Flats, Flat 13, fi Triq Ross, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u valur li ma jaccedix l-elf lira Maltin (Lm1,000.00) u li sar ghad-detriment ta' Linda Kriatin Grimstal ta' nazzjonalita' Svediza;

U aktar talli nhar il-11 t'Awissu, 2004, f'xi hin matul il-gurnata, f'San Giljan, ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn *Dean Hamlet Court,*  Oliander Flats, Flat 1A, fi Triq Ross, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u li sar ghad-detriment ta' Alessio Accardo ta' nazzjonalita' Taljana;

U aktar talli nhar it-8 t'Awissu, 2004, f'xi hin matul il-gurnata, fl-Imsida, ikkometta serq ta' flus kontanti minn *St Joseph Court,* Flat 10, fi Triq San Alwigi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok, u valur li jaccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000.00) u li sar ghad-detriment ta' Lei Ning ta' nazzjonalita' Ciniza;

U aktar talli f'xi hin matul il-lejl ta' bejn l-20 u l-21 ta' Lulju, 2004, f'Tas-Sliema, ikkommetta serq ta' xorb alkoholiku u laham minn Ta' Kolina Restaurant, fi Triq it-Torri, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur li jaccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000.00) u li sar ghad-detriment ta' Julian Agius;

U aktar talli nhar is-26 ta' Lulju, 2004, f'San Giljan, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara taccedi l-

ghaxar liri Maltin (Lm10.00) izda mhux il-hamsin lira Maltin (Lm50.00) ghad-detriment ta’ *CPL Development Ltd* u *Nean Ltd;*

U aktar talli nhar it-18 t’Awissu, 2004, fl-Imsida, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara taccedi l-ghaxar liri Maltin (Lm10.00) izda mhux il-hamsin lira Maltin (Lm50.00) ghad-detriment ta’ Anthony Vassallo.

Silvio Camilleri wahdu huwa wkoll akkuzat talli nhar it-23 t’Awissu, 2004, u matul il-gimghat ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat (licenzja tat-triq ta’ karozza), u dan *ai termini* tal-Artikoli 189 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u tal-Artikoli 17 u 31 tar-Regolamenti tal-1994 dwar il-Vetturi bil-mutur (A.L. 128/1994) u tal-Artikoli 15 (1b) u 18 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess zmien u cirkustanzi, f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tidbdil fl-iskrittura jew firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien falz minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom fihom jew kellhom jippruvaw u xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza u dan *ai termini* tal-Artikoli 183 u 184 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, f’diversi bnadi f’dawn il-Gzejjer, saq vettura mhux licenzjata mill-Awtorita’ tat-Trasport Pubbliku, jew mill-Kummissarju tal-Pulizija u meta ma kienx kopert b’polza tal-assigurazzjoni ghar-riskji tat-terzi persuni;

U aktar talli kiser il-providimenti tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, ta’ sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-20 ta’ Mejju, 2004, b’liema sentenza kien gie misjub hati ta’ reat u liberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat l-ammissjoni tal-imputati fil-verbal tas-seduta tas-17 ta’ Frar, 2005, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnhom stess wara li l-Qorti tathom zmien skond il-Ligi sabiex jikkunsidraw l-ammissjoni taghhom;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-21 ta’ Mejju, 2005, fejn indika l-Artikoli li tahthom ghandhom jigu ggudikati l-imputati;

Rat li l-imputati t-tnejn m’ghandhomx oggezzjoni li jigu ggudikati minn din il-Qorti.

Ikkunsidrat:

Rat l-Artikoli fil-konfront ta’ Silvio Camilleri, u cioe’ 18, 49, 50, 261(b)(c), 263, 267, 278, 279, 289, 334 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Kif ukoll l-Artikoli fil-konfront ta’ Marlon Parnis, u cioe’ 18, 49, 50, 183, 184, 189, 261(b)(c)(f)(e), 263, 267, 269, 270, 278, 279, 289, 325, 334 u 533 tal-Kodici Kriminali, l-Artikoli 17 u 31 tal-Avviz Legali 128/1994, l-Artikoli 15(1)(b) u 18 tal-Kapitolu 65, l-Artikolu 3(1)(2) tal-Kapitolu 104 u l-Artikoli 21 u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni, il-Qorti ssib lill-imputati Silvio Camilleri u Marlon Parnis hatja tal-akkuzi kif dedotti, u wara li rat l-assorbiment tal-piena *ai termini* tal-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannahom ghal terminu ta’ prigunerija ta’ sentejn (2).

*Inoltre* l-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin sabiex jipprovdi lill-imputati l-mezzi kollha neccessarji biex huma jibdew programm residenzjali ghar-riabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------